# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 10 ta' Jannar 2023**

**Talba numru 197/2022SFJ**

**TENOVAR LIMITED**
**(C39684)**

**vs.**

**ALISON INVESTMENTS LIMITED**
**(C72346)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fl-4 ta' Lulju 2022 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallasha s-somma ta' erbat elef u seba' mija u ħamsa u disgħin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€4,795.54) għal raġunijiet imfissra fl-istess Avviż tat-Talba;

Ra li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentatx risposta u li ma deher ebda rappreżentant tagħha fis-seduti miżmuma;

Sema' l-provi tas-soċjetà attriċi, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-10 ta' Jannar 2023.

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Is-soċjetà attriċi ppreżentat l-Avviż tat-Talba li fih spjegat li l-ammont minnha mitlub kien il-bilanċ rimanenti minn somma akbar. Hija qalet li fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta, hija kienet biegħet u nstallat materjal u *cabinets*, u b'kollox, dan ix-xogħol kollu kien jammonta għal €16,704.51, li minnu s-soċjetà konvenuta ħallset biss €11,908.97, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

F'dan l-istadju, it-Tribunal jgħid li ra l-*invoices* immarkati dokument A sa dokument E (fol. 4 sa fol. 13) annessi mal-Avviż tat-Talba, u jirriżulta li l-ammonti mniżżlin fihom bħala "*Amount due*" jew "*Total*", meta magħduda, jammontaw għall-ammont indikat fl-Avviż tat-Talba.

Jonathan Ebejer, li jokkupa l-karigi ta' *projects manager* u *sales manager* fi ħdan is-soċjetà attriċi, xehed li x-xogħol li sar mis-soċjetà attriċi kien jikkonsisti f'installazzjoni ta' *network* li kellha sservi bħala *backbone* għall-infrastruttura li tgħaqqad diversi ħwienet tas-soċjetà konvenuta f'Daniels Shopping Complex. Ebejer qal li x-xogħlijiet imwettqa mis-soċjetà attriċi kienu approvati minn Ivan Meli, li kien involut fid-dipartiment tal-*accounts* u tal-*operations* tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud ikkonferma li x-xogħlijiet kienu saru u ppreżenta diversi *e-mails* in sostenn tax-xhieda tiegħu.

Audrey Muscat, impjegata fi ħdan is-soċjetà attriċi, qalet li oriġinarjament, l-ammont dovut lis-soċjetà attriċi mis-soċjetà konvenuta kien jammonta għal madwar €17,000, li minnhom tħallsu madwar €7,000 kważi minnufih. Imbagħad, fis-snin 2019 u 2020 ma sarux ħlasijiet, iżda f'Lulju 2021 tħallsu madwar €5,000. Muscat ikkonfermat li l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawża kien dovut lis-soċjetà attriċi. Hija wkoll ippreżentat diversi *e-mails* in sostenn tax-xhieda tagħha.

Il-Prim' Awla, f'sentenza fl-ismijiet ***<u>Associated Marketing Limited vs. Sierra Group Malta Limited</u>*** (deċiża fit-30 ta' Novembru 2022), irriteniet:

> *"Huwa ritenut li l-kontumaċja għandha tittieħed bħala kontestazzjoni u mhux bħala ammissjoni. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq l-attur li jressaq provi sal-grad ta' probabilità u li jressaq l-aħjar prova.*
>
> *Inżamm illi "... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hijiex gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35". (Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et - Appell Inferjuri - 22 ta' Ġunju 2005).*
>
> *Inżamm ukoll illi "...skont il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhall-kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dan ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-*

*kawza, billi kif gie ritenut fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:*

*"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li mhijiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhijiex rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;"" (Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe - Appell Superjuri - 27 ta' Marzu 1996)."*

Magħmulin dawn il-konsiderazzjonijiet u meħud qies ukoll tal-fatt li s-soċjetà konvenuta naqset li tirrispondi, naqset li tidher, u naqset li tippreżenta provi in kontradizzjoni tal-provi mressqin mis-soċjetà attriċi, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talbiet tas-soċjetà attriċi jimmeritaw li jkunu milqugħa.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li sema' l-provi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u b'hekk jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbat elef u seba' mija u ħamsa u disgħin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€4,795.54).

Billi l-ammont mitlub huwa ġabra ta' diversi somom iżgħar, it-Tribunal jipprovdi dwar l-imgħaxijiet billi jordna li l-imgħaxijiet ikunu kkalkulati b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi, u li l-imgħax fuq kull ammont komponent jiddekorri mid-data tal-ħruġ tal-*invoice* relattiva, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**